# **INTERVENT FIT-TFULIJA BIKRIJA (ECI)**
# MESSAĠĠI TA' PRINĊIPJI EWLENIN

## Introduzzjoni

L-għan ta' din il-paper huwa li nagħtu ideat ġenerali tal-konklużjonijiet ewlenin u analiżi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Aġenzija Ewropea tal-Iżvilupp ta' Edukazzjoni Għal Ħtiġijiet Speċjali (l-Agency) fuq l-Intervent tat-Tfulija Bikrija (ECI). Din fiha sommarju tal-progress u l-iżviluppi ewlenin li saru f'dan il-qasam kemm fil-livell ta' policy kif ukoll fil-livell ta' prattika fost il-pajjiżi parteċipanti tal-Agency sa mill-2005.

Fil-livelli globali u Ewropej, huwa rikonoxxut li hemm relazzjoni ċara bejn ambjent fqir jew żvantaġġjat u ksib ta' livell baxx fl-edukazzjoni; famlji minn ambjenti ta' dan it-tip urew li jistgħu jibbenefikaw ħafna minn aċċess għal servizzi mogħtija mill-Edukazzjoni u Għajnuna fiż-żmien bikri tat-tfulija (ECEC). Il-miri tal-Kunsill tal-Ewropa għall-2010 kienu li jipprovdu għajnuna lit-tfal għal mill-inqas 90% tat-tfal bejn it-3 snin u l-età mandatorja tal-iskola u għallinqas 33% tat-tfal taħt l-età ta' 3 snin (Parlament Ewropew, 2011).

## ECI – tendenzi fil-livell Ewropew u internazzjonali

Ir-riżultati fix-xogħol tal-Agency jatgħti importanza lill-iżviluppi riċenti fil-qasam tal-ECI fil-livell Ewropew u internazzjonali (Kummissjoni Ewropea, 2010 u 2011, Parlament Ewropew, 2011; Nazzjonijiet Uniti, 2006; WHO, 2011) u l-analiżi tal-Agency ġiet irrikonoxxuta wkoll f'għadd ta' dokumenti ta' policy ewlenin (pereżempju il-Parlament Ewropew, 2011; il-Kummissjoni Ewropea, 2011).

It-tendenzi kurrenti fil-qasam tal-ECI jagħfsu fuq għadd ta' aspetti ewlenin. Edukazzjoni fit-tfulija bikrija ta' kwalità għolja u għajnuna jistgħu jagħtu kontribuzzjoni qawwija – billi jgħinu u jsaħħu lit-tfal kollha biex jirrealizzaw il-potenzjal tagħhom – biex jiksbu, b'mod partikulari tnejn mill-miri ewlenin tal-Ewropa 2020, jiġifieri dik li jirriduċu t-tluq qabel iż-żmien mill-iskola għal taħt l-10% u t-tlugħ 'il fuq, għal mill-inqas 20 miljun ruħ, mill-faqar u l-esklużjoni soċjali. L-istrateġija tal-Ewropa 2020 ma tistax tintlaħaq jekk it-tfal kollha ma jingħatawx bidu adekwat fil-ħajja.

Il-prijoritajiet ewlenin u l-elementi-qofol tal-policies tal-ECI u prattika jiffukaw fuq:

**Aċċess għal ECEC universali u inkluživ:** Aċċess għal servizzi tal-ECEC li jkunu jistgħu jinkisbu universalment, ta' kwalità għolja u inklużivi huma ta' benefiċċju għal kulħadd. L-ECEC joffru l-potenzjal għal inklużjoni akbar ta' tfal fl-SEN, iwittu t-triq għal inklużjoni li tiġi aktar tard fl-iskejjel mainstream (Il-Kummissjoni Ewropea, 2011).

**Il-Governanza tal-ECEC:** Approċju sistematiku għaL servizzi tal-ECEC ifisser kollaborazzjoni b'saħħitha bejn setturi ta' policy differenti, bħall-edukazzjoni, impjegar, saħħa u policy soċjali. Dan jinħtieġ viżjoni koerenti komuni bejn l-istakeholders kollha, inklużi l-ġenituri, qafas ta' policy komuni b'għanijiet konsistenti fis-sistema u rwoli definiti b'mod ċar fil-livelli ċentrali u lokali (Il-Kummissjoni Ewropea, 2011).

**Il-Kwalità tal-ECEC:** Is-servizzi tal-ECEC għandhom ikunu ddisinjati u effettwati b'mod li jilħqu l-medda kollha tal-ħtiġijiet tat-tfal kollha: konixxittivi, emozzjonali, soċjali u fiżiċi. Il-ksib ta' ħiliet konoxxittivi (bħall-perseveranza, il-motivazzjoni, il-ħila ta' interazzjoni ma' ħaddieħor) fis-snin bikrin hija essenzjali għat-tgħallim fil-futur u għall-ingaġġ soċjali b'suċċess. Servizzi ECEC ta' kwalità għolja huma kumplimentari għal, aktar milli sostitut għal, sistema ta' welfare b'saħħtu (Il-Kummissjoni Ewropea, 2011)

**Approċju ċċentrat fuq it-tifel-tifla:** Is-snin bikrin tat-tfulija huma kritiċi għall-iżvilupp konoxxittiv, sensorju u motorju, l-iżvilupp affettiv u personali u l-ksib tal-lingwa, u għat-tfassil tas-sisien tat-tgħallim tul il-ħajja (Il-Parlament Ewropew, 2011).

European Agency for Development in Special Needs Education

Østre Stationsvej 33, 5000 Odense C, Denmark
Tel: +45 64 41 00 20 • Email: secretariat@european-agency.org • Web: www.european-agency.org

MT

**Ingaġġ mal-ġenituri:** Il-ġenituri, kemm ommijiet u missirijiet, huma sieħba ugwali fl-ECEC. Is-servizzi ECEC għandhom ikunu kompletament parteċipattivi, jinvolvu lill-istaff kollu, il-ġenituri u, fejn hu possibbli, lit-tfal infushom (Parlament Ewropew, 2011).

**Staff:** Il-kompetenzi tal-istaff huma importanti ħafna għal kwalità għolja ta' ECEC. Il-medda ta' aspetti li jittrattaw l-istaff u d-diversità tat-tfal li jkollhom fir-responsabiltà tagħhom jinħtieġu riflessjoni kontinwa fuq prattika pedagoġika kif ukoll bħala approċju sistematiku għall-professjonaliżmu tal-istaff involut (Il-Kummissjoni Ewropea, 2011).

## Il-proġett tal-Agency għal skop ta' Intervent fit-Tfulija Bikrija[1]

Il-proġett tal-ECI 2010 involva 35 espert minn 26 pajjiż[2], inklużi policy makers responsabbli għall-intervent fit-tfulija bikrija u professjonalisti f'dan il-qasam.

L-għan tal-analiżi tal-proġett ta importanza lill-ECI fil-livelli kemm ta' policy kif ukoll professjonali u ġie propost mudell ta' ECI fejn is-saħħa, l-edukazzjoni u s-setturi soċjali huma direttament involuti. Dan il-mudell tal-ECI jiffoka fuq l-iżvilupp tat-tifel u l-impatt ta' interazzjoni soċjali fuq l-iżvilupp uman b'mod ġenerali u fuq it-tfal b'mod partikolari. Jikkostitwixxi wkoll qabża mill-forma tradizzjonali ta' intervent li prinċiparjament tiffoka fuq it-tifel, għal approċju estiż li jinvolvi lit-tifel, il-familja tagħhom u l-ambjent. Din il-qabża tikkorrispondi mal-evoluzzjoni ta' medda ta' kunċetti usa' fil-qasam tad-diżabiltà, jiġifieri mixja minn mudell mediku għal wieħed soċjali.

Fil-linja ma' dan il-mudell emerġenti, id-definizzjoni operazzjonali tal-ECI t'hawn taħt kienet proposta u maqbula minn grupp ta' esperti li ħadmu kemm fuq l-ewwel analiżi tal-Agency u l-aġġornament tal-proġett: L-ECI hija kompożizzjoni ta' servizzi / proviżjonijiet għal tfal żgħar ħafna u l-familji tagħhom, ipprovduti fuq talba tagħhom f'ċertu żmien fil-ħajja tat-tifel, li jittrattaw kull azzjoni li tittieħed meta tifel ikun jinġtieġ sostenn speċjali biex:

- Jiġi assigurat u mtejjeb l-iżvilupp personali tagħha/tiegħu;

- Jiġu msaħħa l-kompetenzi tal-familja tagħha/tiegħu, u

- Tiġi promossa l-inklużjoni soċjali tal-familja u t-tifel.

Il-ħames elementi identifikati fl-analiżi bħala li huma relevanti għal dan il-mudell u li jinħtieġu twettiq effettiv huma lkoll marbuta ma' xulxin u ma jistgħux jittieħdu f'iżolament minn xulxin:

**Kemm jista' jinkiseb:** Għan kondiviż tal-ECI u l-prijorità ġenerali tal-pajjiżi kollha huwa li jintlaħqu t-tfal u l-familji kollha li jkollhom ħtieġa ta' sostenn kemm jista' jkun kmieni.

**Il-qrubija:** Is-servizzi ta' sostenn għandhom jilħqu lill-membri kollha tal-popolazzjoni fil-mira u dawn ikunu jistgħu jintlaħqu, kemm jista' jkun possibli qrib il-familji, kemm fil-livell lokali kif ukoll ta' kommunità.

**Kemm jista' jkun affordjat:** Is-servizzi għandhom jiġu offruti mingħajr ħlas jew bi ħlas minimu lill-familji permezz ta' fondi pubbliċi mis-saħħa, l-awtoritajiet soċjali jew edukattivi, jew permezz ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi inklużi assoċjazzjonijiet li jaħdmu bla qligħ.

[1] Aktar informazzjoni tinstab f': http://www.european-agency.org/agency-projects/early-childhood-intervention

[2] L-Awstrija, il-Belġju (Il-kommunita li titkellem bil-Franċiż), Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Dannimarka, l-Estonja, il-Fillandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Iżlanda, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Norveġja, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugal, is-Slovenja, Spanja, l-Isvezja, l-Isvizzera, ir-Renju Unit (l-Ingilterra u l-Irlanda ta' Fuq)

**Xogħol interdixxiplinarju:** Professjonisti li jkollhom f'idejhom is-sostenn dirett ta' tfal żgħar u l-familji tagħhom jappartjenu għal dixxiplini differenti (professjonisti) u konsegwentement għandhom ambjenti diversi skont is-servizz li jkunu marbuta miegħu. Ħidma interdixxiplinarja tiffaċilita l-bdil ta' informazzjoni fost il-membri tat-tim.

**Diversità ta' servizzi:** Dan l-element huma marbut mill-qrib mad-diversità ta' dixxiplini involuti fl-ECI. L-involviment ta' tliet servizzi – is-saħħa, is-servizzi soċjali u l-edukazzjoni – hija karatteristika komuni f'pajjiżi varji, imma wkolll jikkostitwixxu waħda mid-differenzi elewnin.

Ir-riżultati tal-analiżi tal-Agency 2005 taw importanza il-fatt li 'L-ECI jirrelata mad-dritt ta' kull tifel żgħir u l-familja tiegħu/tagħha biex jirċievi s-sostenn li jista' jkun jinħtieġ. L-ECI għandu l-għan li jsostni u jagħti s-saħħa lit-tifel-tifla, il-familja u s-servizzi inovluti. Jgħin biex jibni soċjetà inklużiva u koeżiva li hija konxja tad-drittijiet tat-tfal u l-familji tagħhom' (p.3).

## Tagħrif miksub minn proġetti u rakkomandazzjonijiet

It-tagħrif miksub mill-analiżi tal-2010 isostni b'mod ċar it-tliet prijoritajiet li ġew enfasizzati fix-xogħol preċedenti:

**Il-ħtieġa li jintlaħqu l-popolazzjonijiet kollha li għandhom bżonn l-ECI:** din il-prijorità tirrelata mal-għan komuni u l-prijorità bejn il-pajjiżi parteċipanti biex jilħqu lit-tfal u lill-familji kollha li għandhom ħtieġa ta' sostenn kemm jista' jkun malajr.

**Il-ħtieġa li tiġi assigurata provvżjoni ta' standards ugwali u ta' kwalità:** din il-prijorità tirrelata mal-ħtieġa li jkollna standards ta' kwalità definiti b'mod ċar għall-proviżjoni u s-servizzi ECI. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' mekkaniżmi biex jevalwaw u jassiguraw aderenza għal standards ta' kwalità jtejbu l-effettività tas-servizzi ECI u jassiguraw l-istess kwalità ta' proviżjoni ta' servizzi fuq livell nazzjonali, minkejja d-differenzi ġeografiċi.

**Il-ħtieġa li jiġu rrispettati d-drittijiet u l-ħtiġijiet tat-tfal u l-familji tagħhom:** din il-prijorità tirrelata mal-ħtieġa li tinħoloq familja ffukata u servizzi li jirrispondu għall-ħtiġijiet li jkun hemm bżonn. Dawn is-servizzi jaħdmu għal tfal u familji u jinvolvu ġenituri f'kull livell ta' ppjanar u żvilupp ta' servizzi ECI għat-tfal tagħhom.

Erba' rakkomandazzjonijiet konkreti joħorġu mix-xogħol ta' proġett tal-ECI. Dawn jirrelataw ma':

**1. Leġiżlazzjoni u miżuri ta' policy:** għadd sinifikanti ta' atti, regolazzjonijiet, dekreti u miżuri oħra ta' policy ġew adottati mill-2004/2005, li juru l-involviment attiv ta' policy u ta' decision-makers u l-impenn tagħhom għall-ECI. Il-leġiżlazzjoni u l-policy huma l-ewwel passi fil-proċess; madankollu, it-twettiq effettiv u l-monitoraġġ tal-miżuri tal-policy huma importanti daqs il-miżuri nfushom.

**2. Rwoli ta' professjonisti:** ir-rwol ewlieni li għandu jinħadem mill-professjonisti involuti f'livelli differenti tal-proċess ECI kien identifikat. Dan ir-rwol jirrelata ma':

- Il-mod kif informazzjoni hija pprovduta lill-familji;
- Il-programmi ta' taħriġ isiru għal skop ta' xogħol f'tim multidixxiplinarju, jiġu kondiviżi kriterji u objettivi komuni, u xogħol effettiv mal-familji.

**3. Il-ħtieġa li jkun hemm koordinatur ECI jew ħaddiem-ewlieni bejn għadd ta' servizzi:** ngħatat l-importanza ewlenija tiegħu. Din tiggarantixxi koordinazzjoni bejn servizzi, professjonisti u mal-familji.

**4. Titjib fil-koordinazzjoni bejn u fis-setturi:** Hemm għadd ta' raġunijiet possibbli għall-koordinazzjoni insuffiċjenti tas-servizzi ECI. Il-proviżjoni tinvolvi setturi varji (tas-saħħa, soċjali u edukattivi) b'kulturi ta' xogħol differenti, differenzi filosofiċi u sistemi ta' ffinanzjar u professjonisti minn dixxiplini u oqsma varjati. Il-familja għandha tkun fiċ-ċentru b'servizzi kkoordinati madwarhom.

## Oqsma għal aktar żvilupp ta' policy

Minkejja l-progress li ilu jsir f'dawn l-aħħar ftit snin fl-Ewropa, f'termini ta' twettiq ta' miżuri ta' policy ta' ECI favorevoli, id-disinn u l-effettività ta' servizzi ECEC ta' kwalità u l-proviżjoni u l-koordinazzjoni mtejba ta' servizzi, hemm għadd ta' policies ewlenin li jinħtieġa aktar studju. Fl-ikkunsidrar ta' prijoritajiet ta' policy fil-livell Ewropew flimkien ma' dak li nstab fil-proġett tal-ECI, hawn min hu tal-fehma li aktar xogħol huwa meħtieġ biex jiġi assigurat li l-ECI tkun implimentata b'mod ugwali u effiċjenti. Dawn l-oqsma li ġejjin jinħtieġu attenzjoni partikolari:

**Strateġija komprensiva:** Is-servizzi tal-ECI, minkejja li huma tajbin, jistgħu biss parzjalment jikkumpensaw għall-faqar fil-familja u l-iżvantaġġ soċjo-ekonomiku. Biex jintjiebu l-benefiċċji fit-tul ta' ECI ta' kwalità għolja għal tfal minn ambjenti żvantaġġjati, l-ECI għandha tintrabat ma' inizjattivi minn oqsma ta' policy oħra bħala parti minn strateġija komprensiva (impjegar, djar, saħħa, eċċ.)

**Standards ta' kwalità:** Għandu jkun hemm standards definiti ċari ta' kwalità għal servizzi ECI u l-provizjoni biex jintjieb l-ECI fl-UE billi jiġu kkumplimentati l-miri kwantitattivi eżistenti. Mekkaniżmi għall-evaljuwar ta' proviżjoni ta' ECI u l-assigurar ta' standards ta' kwalità li jintlaħqu, itejbu s-servizzi tal-ECI.

**Infiq pubbliku u investiment:** L-ECI għandha t-tendenza li tirċievi inqas attenzjoni u inqas investiment minn kwalunkwe stadju ieħor tal-edukazzjoni, minkejja evidenza ċara li l-ECI hija aktar effettiva u tiswa daqs il-flus li jintefqu fiha, minn intervent fi stadju li jiġi aktar tard. Hemm ħtieġa qawwija ta' assigurar li l-iffinanzjar jintuża b'mod aktar effiċjenti.

**Staff kwalifikat:** L-ingaġġ, l-edukar u ż-żamma ta' staff li jkun ikkwalifikat sew huma sfida hekk kif tendenzi fl-integrazjoni ta' childcare u edukazzjoni qegħdin iżidu l-professjonaliżmu fl-istaff. L-istandards professjonali għandhom jiżdiedu billi jiġu introdotti kwalifiki rikonoxxuti għal dawk li jaħdmu fil-qasam tal-ECI. Għandu jkun hemm ukoll iffukar fuq aspetti kurrikulari ta' kwalità u l-approprijatezza u l-modi kif issir analiżi u tgħallim minn esperjenzi tajbin.

## Kummenti tal-għeluq

Il-messaġġ ewlieni mill-proġett ECI kien li minkejja sforzi li saru mill-pajjiżi kollha u l-progress jidher fil-livelli kollha, aktar xogħol jinħtieġ li jsir biex jiġi assigurat li l-prinċipju ewlieni jintlaħaq – id-dritt ta' kull tifel u l-familja tagħha/tiegħu jirċievi s-sostenn li jkollhom bżonn. Aċċess għal servizzi inklużivi ta' ECEC, li jkunu jistgħu jintlaħqu universalment, u li jkunu ta' kwalità għolja hija l-ewwel pass lejn proċess fit-tul lejn edukazzjoni inklużiva u opportunitajiet ugwali għal kulħadd f'soċjetà inklużiva.

## Referenzi


Il-Kummissjoni Ewropea (2010) *Kommunikazzjoni mill-Kummissjoni. Ewropa 2020 – Strateġija għal żvilupp sostnebbli u inklużiv smart*. COM(2010) 2020

Il-Kummissjoni Ewropea (2011) *Kommunikazzjoni fuq l-Edukazzjoni ta' Tfulija Bikrija u l-Għajnuna* (Frar 2011) COM(2011) 66

Il-Parlament Ewropew (2011) *Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Mejju 2011 fuq it-Tgħallim fis-Snin Bikrin fl-Unjoni Ewropea* (I/2010/2159)

In-Nazzjonijiet Uniti (2006) *Konvenzjoni fuq id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabiltà*, New York, In-Nazzjonijiet Uniti. Sors elettroniku li jista' jinkiseb online f': http://www.un.org/disabilities/convention/conventionfull.shtml

L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (2011) *Ir-Rapport Dinji fuq id-Diżabiltà*. Geneva, L-Isvizzera, WHO



European Agency for Development in Special Needs Education

Education and Culture DG
Lifelong Learning Programme

Il-produzzjoni ta' dan id-dokument kienet sostnuta mid-DG tal-Edukazzjoni u l-Kultura tal-Kummissjoni Ewropea: http://ec.europa.eu/dgs/education_culture/index_en.htm